**MALTA**

**ĠUDIKATUR**
**Dr. Anna Mallia**

Seduta tat-08 ta' Lulju, 2016.

Talba Numru: 95/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 21

**Bruce Sammut (ID 88997M) a nom u in rapprezentanza ta'**
**Complete Supplies Ltd (C-15472)**
**41 Triq l-Inginerija, Zona Industrjali,**
**Mriehel BKR3000**
**Malta**

**vs**

**Boarding School (Malta) Ltd (C-22600)**
**RBSM**
**'La Paloma',**
**Triq il-Gifen,**
**Bugibba,**
**Malta.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-17 ta' Marzu, 2016 li permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand is-Socjeta' konvenuta l-ħlas tas-somma ta'

erbat elef sitt mija u hamsa u tmenin ewro u tmintax-il centezmu (€4,685) bilanc dovut ghal prodotti provduti mis-Socjeta' attrici lis-Socjeta' konvenuta kif jidher mis-sales statement kopja ta' liema giet annessa malavviz tat-talba u markata bhala Dok A.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm s-Socjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef sitt mija u hamsa u tmenin ewro (€4,685) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 768/2016, huma a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**